# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2173

## tas-16 ta’ Diċembru 2019

## li taħtar ħames membri tal-Qorti tal-Awdituri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 286(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u r-Renju tan-Netherlands,

Wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-mandati tas-Sur Nikoloas MILIONIS, is-Sa Danièle LAMARQUE, is-Sur Henri GRETHEN u s-Sur Alex BRENNINKMEIJER ser jiskadu fil-31 ta’ Diċembru 2019.

(2) Il-mandat tas-Sur Klaus-Heiner LEHNE ser jiskadi fid-29 ta’ Frar 2020.

(3) Għaldaqstant għandhom jinħatru ħames membri ġodda tal-Qorti tal-Awdituri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b’dan maħtura membri tal-Qorti tal-Awdituri:

(a) għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2020 sal-31 ta’ Diċembru 2025:

— Is-Sur Mr Nikolaos MILIONIS,

— Is-Sur François-Roger CAZALA,

— Is-Sa Joëlle ELVINGER,

— Is-Sur Alex BRENNINKMEIJER;

(b) għall-perijodu mill-1 ta’ Marzu 2020 sat-28 ta’ Frar 2026:

— Is-Sur Klaus-Heiner LEHNE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta’ Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. LEPPÄ

([1]) Opinjonijiet tas-26 ta’ Novembru 2019 (għadhom mhux ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali).